**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

3 ta' Diċembru, 2023

# IL-QUDDIESA TA' NOFSILLEJL TAL-MILIED

**Sejħa lill-Animaturi, Letturi, dawk li jaqraw it-Talbiet tal-Fidili u dawk li jtellgħu l-Offerti**

Għandna numru mhux ħażin ta' animaturi u letturi fil-quddies. Aħna nirringrazzjaw lil dawk kollha li kuljum u kull ġimgħa joffru s-servizz tagħhom lill-komunità, u dan matul ħafna snin. Iżda nixtiequ navżaw li l-lista ta' min jieħu sehem bħala animatur, lettur, talb tal-fidili u fl-offertorju qatt mhi eżawrita u nistiednu lil dawk kollha li jixtiequ jidħlu fir-roster biex ma joqogħdux lura.

Dawn l-aħħar snin sar sforz biex ninkludu lil kulħadd fil-quddies speċjalment fl-okkażjonijiet 'speċjali' bħalma huma quddies pontifikali, Imnarja, Milied, Għid il-Kbir, eċċ. Nafu li hemm ħafna oħrajn li jixtiequ li jieħdu sehem f'dawn l-okkażjonijiet. U allura se nkomplu nagħmlu li nistgħu biex ħadd ma jħossu eskluż.

Wara ħafna ħsieb ġie deċiż li mill-Milied li ġej jiġu preferuti jidħlu wkoll dawk li ma kinux inklużi mill-aħħar Milied u matul is-sena li għaddiet. Min ma kienx involut f'din l-aħħar sena bħala animatur, lettur, fit-talb tal-fidili u l-offertorju u jixtieq li jkun ikkunsidrat, jgħarrafna sa nhar l-**Erbgħa 13 ta' Diċembru**. Għalissa, dan jgħodd għall-quddiesa ta' nofsillejl biss. Għall-quddies l-ieħor tal-Milied, nużaw ir-roster tal-Ħadd.

Dan qed isir bi prova. Jekk għandkom xi ideat ta' kif l-affarijiet jistgħu jsiru aħjar, kellmuna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Mill-ġdid grazzi lil kulħadd. Intom qed tgħinu biex ikollna liturġija xierqa.

**Il-Kumitat tal-Liturġija**

**BOOKING TAL-QUDDIES:** min irid jikteb il-quddies tal-ħin fil-knisja jista' jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali mit-Tnejn 4 ta' Diċembru 'l quddiem. Il-booking hu għax-xhur minn Jannar 2024 sa Ġunju 2024.






**KANT FIN-NOVENA**

Fit-3 u l-10 ta' Diċembru, fid-9:00am, it-tfal se jkollhom prova tal-kant tan-novena fiċ-Ċentru Parrokkjali. Jistgħu jiġu akkumpanjati mill-ġenituri.

## Avviżi:

**NITOLBU FLIMKIEN F'DAN L-AVVENT:** f'dan l-Avvent se jkollna mumenti ta' talb flimkien. Fis-6:30am se ngħidu l-lawdi kuljum fil-prayer room, mit-Tnejn sas-Sibt. Il-Ħadd ma jkollniex. Filgħaxijiet ikollna l-Għasar fil-knisja fis-6:15pm mit-Tnejn sas-Sibt ukoll. Għal dan it-talb se nipprovdu l-kotba u kulħadd huwa mistieden. Fiż-żewġ każi t-talb jieħu madwar 15-il minuta.

**DAWK LI SE JQASSMU "EJJEW NITOLBU":** qegħdin nistiednu lil dawk kollha li se jqassmu l-ktejjeb "Ejjew Nitolbu" sabiex jieħdu sehem fil-quddiesa tal-9:45am f'dan il-Ħadd 3 ta' Diċembru. Se jsir il-mandat biex hekk nuru li se tagħmlu att ta' evanġelizzazzjoni.

**MIXJA GĦALL-ĦAJJA**: organizzata mill-Grupp Favur il-Ħajja, nhar il-Ħadd li ġej, 3 ta' Diċembru fit-3 ta' waranofsinhar. Tluq minn Kastilja. Miċ-Ċirkewwa ser ikun hemm trasport għall-Għawdxin mal-wasla tal-vapur tan-12:30pm. Il-ħajja hija dritt mill-konċepiment sat-tmiem naturali tagħha.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 4 ta' Diċembru fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Il-programm ikun hekk: Rużarju quddiem Ġesù Espost fl-4:30pm u wara Quddiesa. Kulħadd huwa mistieden.

**NOFSTANHAR GĦAND IL-KAPUĊĊINI:** irtir qasir mid-9:00am, inkluża l-Quddiesa, għall-gruppi ta' talb u oħrajn, nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru. Trasport provdut fit-8:30am minn ħdejn iċ-Ċentru.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA** tavża li:

- nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru se żżur Marsalforn fejn issir quddiesa fil-kappella ta' Sant'Antnin. Wara jkun hemm ħin għall-kafè. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9:30am.
- l-Ħamis 21 ta' Diċembru se ssir l-Ikla tal-Milied f'nofsinhar. Tluq fil-11:30am.

Min hu interessat ikellem lil Tonina fuq 79923153 jew 21553041.

**MILIED SOLIDALI:** il-Kunsill Lokali flimkien ma' Reġjun Għawdex qed jerġgħu joffru ikla tal-Milied lil dawk l-anzjani jew morda, jew persuni vulnerabbli li jgħixu waħedhom jew li m'għandhomx min isajrilhom. Inkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill sat-13 ta' Diċembru.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am